9 ta' April, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Onorevoli Paul Boffa, M.D., O.B.E., M.L.A., ne et

*versus*

Paul Zammit et. (*)

**Servitù — Preskrizzjoni Immemorjali — Ilma — Triqat u Pjazez Pubbliċi — Kuruna — Art. 2220 (2) u 2219 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex jiġi pruvat pussess immemorabili hemm bżonn jinġiebu xhieda li jaffermaw l-eżistenza tal-pussess almenu ta' erbgħin sena li huma pożittivi li jkunu raw, u fl-istess ħin jiddikjaraw li huma semgħu mill-antenati tagħhom li fi żmienhom kien jeżisti dak il-pussess, jew simili, u li qatt ma ġew jafu u li qatt ma raw pożittivament xejn in kuntrarju.*

*Dwar ħwejjeġ li huma "extra commercium" ma hemmx preskrizzjoni.*

*It-triqat u pjazez li jappartjenu lid-demanju pubbliku huma ħwejjeġ "extra commercium", u fuqhom ma jistax isir xejn bla permess ta' l-Awtorità; u għalhekk dawk l-istess beni, u kwalunkwe servitù fuqhom, huma impreskrittibili.*

*Għalhekk iċ-ċittadin ma jistax iħaffer is-superfiċji ta' triq, jew taħt l-istess triq, bla permess ta' l-Awtorità, sabiex jiġbor u jsuq l-ilma lejn il-fond tiegħu.*

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet illi jmissu lill-Kuruna ħlief fil-każijiet espressi mill-liġi; u f'dawn il-każijiet ma hux kompriż dak ta' l-azzjoni tal-Gvern kontra min iħaffer triq jew pjazza pubblika biex isuq l-ilma lejn il-fond tiegħu biex iġagħlu jneħħi l-opri li jkun għamel fit-triq jew pjazza għal dak l-iskop.*

*Għalhekk ukoll, jekk l-Awtorità tkun ittollerat li ċittadin jagħmel dak it-tħaffir għall-iskop imsemmi, dik l-istess Awtorità tista' tirtira dik it-tolleranza tagħha "ad libitum".*

Il-Qorti. — Rat is-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża fuq imsemmija fis-6 ta' Frar 1950, fejn jinsabu riassunti tant it-talbiet attriċi kemm l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u msejħa fil-

---

(*) Din il-kawża ġiet appellata, u ġiet ċeduta fir-Reġistru fid-19 ta' Mejju 1951.

kawża, u minn fejn jidher li ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut u mseħħa fil-kawża minnhom mogħtija għall-azzjoni attriċi, fis-sens li ġie maqtugħ li l-azzjoni, in kwantu hija bażata fuq il-fatt ta' eżistenza ta' dawk l-opri fuq u fil-proprjetà demanjali, u li l-istess għandhom ikunu biss bħala tollerati sakemm il-Gvern demanjali jordna, kif fil-fatt ordna, li dik it-tolleranza għandha tispiċċa kif jippretendu li għandhom dritt l-atturi nomine — salv, s'intendi, il-meritu — hija ritwalment valida u sostenibili, u mhix bl-ebda mod invalidata, taħt iċ-ċirkustanzi li ntqalu fuq, mill-artikolu 3 tal-Liġi jiet Kriminali, kif sostnew l-eċċipjenti, bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra tagħhom; liema sentenza għaddiet in ġudikat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-aċċess deher li fuq is-superfiċi tal-Misraħ San Ġużepp, Ħal Safi, quddiem il-fond numru 6, li għandu l-miżibijiet tiegħu tal-ġebel ta' fuq il-bjut jitfgħu l-ilma aċċidentali jew pluvjali għal fuq dik il-Pjazza, jinsab il-"catch-pit" in kwistjoni, imgħotti bil-konkos bi ftit kwadru; liema adattament preżenti jirriżulta li sar xi sitt snin ilu minn mindu t-triq, jew aħjar pjazza, ġiet riparata mill-Gvern. Irriżulta wkoll waqt l-aċċess li qabel ma ġiet irranġata b'metodi moderni s-superfiċi tal-Pjazza in kwistjoni, is-sura tagħha kienet l-antika u malandata ħafna, u rriżulta wkoll li l-"catch-pit" in kwistjoni kien sempliċi tooba kbira mikxufa b'xi kanali fil-blat, li jagħmlu magħha u li kienu mgħottija ħażin ħażin bil-kaptelli li xi uħud minnhom kienu anki miksura. *Topografikament id-dar numru 6, li tħares fuq Misraħ San Ġużepp*, kellha u għandha d-daħar tagħha ("a dorso") iħares lejn ir-riħ ta' nofsinhar, mentri l-faċċata kienet tħares lejn ir-riħ oppost, u hija qisha promomtorju ħiereġ fuq l-istess Pjazza, l-għaliex in-naħa tax-xellug għandha tisseparaha minn bini ieħor lit-Triq San Tumas u fuq il-lemin it-Triq San Ġużepp. L-ilma tal-Pjazza (u anki dak tal-bjut tal-fond nru. 6) jingabar quddiem il-fond nru. 6, l-għaliex is-superfiċi tal-Pjazza għandha inklinazzjoni ħafifa ħafifa, imma mhux univoka, *lejn il-faċċata ta' dak l-istess fond; u minħabba dana* l-fatt, parti minnu, meta l-ilma jkun abbondanti, jaħbat mal-faċċata tal-fond numru 6 u jibqa' jiskorri għat-Triq San Ġu-

żepp, u l-parti l-kbira jingabar fil-isprall jew "catch-pit" imsemmi; u per mezz ta' kanali, li numa opra tal-bniedem u mhux tan-natura, li l-aktar xjuh barranin u xehdu fl-"in loco" jiftakru li kienu hemm minn xi 20 jew 30 sena ċirka, jibqa' miexi taħt l-art tat-Triq San Tumas, jaqsam dik it-triq u minnha jgħaddi għal taħt l-għatba tal-fond numru 25; taħt l-entrata ta' dana l-fond, u minn din l-aħħar kommunikazzjoni, jibqa' miexi għall-bitħa tal-fond nru. 24 Triq San Tumas, sabiex jirriversa ruħu fil-ġiebja li tinsab fil-bitħa ta' dan il-fond l-aħħar li ssemma, u li huwa ta' proprjetà tal-konvenuti u kjamati in kawża. Hawn għandu jingħad li mentri l-fond numru 25 inbena qabel il-fond numru 24 fuq it-Triq San Tumas, dan l-aħħar imsemmi, li qabel il-fabbrikazzjoni tiegħu kien għalqa koltivabili, ġie mtalla' xi tmintax jew għoxrin sena ilu; kif ukoll li dawk iż-żewġ fondi, meta l-fond numru 24 ma kienx mibni, kienu ta' proprjetarju wieħed, mentri l-lum il-fond numru 25 jappartjeni lil terzi persuni mhux interessati fil-"catch-pit" jew imdaħħla fil-kawża odjerna. Jirriżulta wkoll mill-kjamat in kawża Giuseppe Sammut li huwa, f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, fl-entrata tal-fond numru 24 ħaffer fil-blat sieqja, jew kanali għat-tul kollu ta' l-istess entrata sa taħt l-għatba ta' barra t-triq ta' dak l-istess fond, bil-fehma, mill' jidher, li aktar 'l quddiem jikkonġunġi per mezz ta' kanali taħt is-superfiċi tat-Triq San Tumas il-kap tal-kanali ta' taħt l-għatba tal-fond numru 24 mal-linja tal-kanali li mill-"catch-pit" in kwistjoni jasal sa taħt l-għatba tal-fond numru 25;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut u l-kjamati in kawża jippretendu li l-kondotti ilhom jeżistu "ab immemorabili", u li l-"catch-pit" sar bil-permess ta' l-awtorità kompetenti;

Illi dwar l-ewwel pretensjoni jingħad li l-istess tippresupponi fil-konvenut u l-imsejħa fil-kawża drittijiet akkwiżiti qabel il-Kodiċi Ċivili. M'hemmx bżonn jingħad li mhux ta' xejn dik l-eċċezzjoni ġiet, minħabba d-diffikultà tal-prova, imsejħa "piscatio anguillarum"; l-għaliex biex jiġi pruvat pussess immemorabili, jingħad ġenerikament li jrid jiġi assodat li l-ebda min-nies li għadhom ħajjin ma jkun ra l-bidu jew il-prinċipju tiegħu, imma li jkun ġie jaf bih mill-antenati tie-

għu, anki jekk dawn l-aħħar imsemmija ma jkunux fil-fatt xhieda ta' l-oriġini ta' dak il-pussess, u kienu ġew jafu bih minn persuni oħra li jkunu semgħu alla loro volta dwar il-bidu tiegħu, jew inklelè, aktar preċiżament, kif iridu l-aħjar awtoritajiet, li x-xhieda prodotti minn min irid jipprova l-pussess immemorjali għandhom jaffermaw l-eżistenza ta' pussess almenu ta' erbgħin sena li huma pożitivament ikunu raw, u li fl-istess ħin jiddikjaraw li huma semgħu mill-antenati tagħhom li fi żmienhom kien jeżisti l-pussess in kwistjoni, jew simili, u li qatt ma ġew jafu u li qatt ma jkunu raw pożitivament xejn "in contrario";

Illi x-xhieda mismugħa l-ebda wieħed ma għamel l-affermazzjonijiet fuq imsemmija, essenzjalment meħtieġa għall-aċċertament in diskussjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, apparti dan kollu, jingħad li skond l-art. 2219 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Ediz. Riveduta, ma hemmx preskrizzjoni dwar ħwejjeġ li huma "extra commercium". Għalkemm il-liġi tagħna, a differenza tal-Kodiċi Ċivili Franċiż (art. 538), ma tfissirx x'inhuma l-ħwejjeġ "extra commercium", dana s-skiet tal-leġislatur huwa supplit mid-dottrina. Skond l-aħjar awtoritajiet "in subjecta materia", it-triqat pubbliċi u l-pjazez li jappartjenu lid-demanju publiku (ara Touillier, Vol. 2, paġ. 14, parag. 30 u ta' wara, Ediz. Palermo, Fratelli Pedone Lauriet 1853) huma ħwejjeġ "extra commercium", u fuqhom ma jista' jsir xejn bla permess ta' l-Awtorità sa mill-antik (ara Voet, Ad Pandectas, Liber XLIII, Titolus VIII, "ne quid in loco publico vel itinere fiat", u in partikulari l-L. 2 § 26 u ta' wara, Titolu "de via publica", Vol. V, paġ. 576-577, Edizione Venezia, Naratovitch 1852, u Pothier, Pandetti Vol. III, paġ. 711, Edizione Venezia, Tip. Giustinianea di Antonio Bazzarini, 1842);

Bħala tali, dawk l-istess beni, u kwalunkwe dritt ta' servitù fuqhom, huma impreskrittibili; l-għaliex, kif jgħid il-D'Argentrè fuq il-kostumanzi tal-Brettanja (art. 266 Kap. 23, nru. I), "talia extra omne privatum commercium sunt, ideoque nec praescribi possunt quantocumque tempore teneantur; nec si quis centum totos annos in publico inaedificatum habuerit ideo acquirit locum". Jingħad ukoll li, kif ċittadin parti-

kular ma jistax jagħmel opri fil-fondi tiegħu sabiex jivversa jew isuq l-ilma li ma jiskorrix naturalment minn fuq il-bjut jew bnadi oħra fuq il-pjazez u triqat pubbliċi, b'mod li jfixkel iċ-ċirkolazzjoni ta' l-istess passaġġ publiku, hekk huwa ma jistax iħaffer is-superfiċi tat-triq jew taħt l-istess triq, bla permess ta' l-Awtorità, sabiex jiġbed u jsuq l-ilma lejn il-fond tiegħu, u mbagħad, jekk jiġi mħarrek fuq hekk, huwa paċifikament jeċċepixxi in difeża l-preskrizzjoni ta' dritt apparenti dovut għal dawk l-istess opri; l-għaliex dak li jaggrava d-destinazzjoni tat-triqat, jew ikun ta' dannu publiku, ma jistax hlief ikollu eżistenza effimera;

Hawn dina l-Qorti tħoss li għandha tgħid li dan li ntqal ma jaffettwax id-drittijiet leġittimi tal-frontisti tat-triqat u pjazez, li jiġbru l-ilma pluvjali li jaqa' fuqhom, kif huwa rikonoxxut lilhom mill-art. 442 (1) u (2) u 443 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, kif intqal minn dina l-istess Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu 1951 in re "Grazia Ebejer vs. Giacomo Vella et.", bil-limitazzjonijiet hemm imsemmija, skond il-ġurisprudenza tagħna hemm miġbura;

Illi mhux lanqas ozjuż li jingħad li skond l-art. 2220 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontro jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Kuruna, ħlief fil-każijiet hemm espressi, li ma jagħmlux għall-każ in diskussjoni; liema dispożizzjoni tal-liġi kjarament teskludi kwalunkwe xorta ta' eċċezzjoni, għal bżonn anki l-immemorjali, kif del resto jsostni l-Pothier, fis-sens li lanqas dina l-preskrizzjoni ma tista' tingħata kontra l-Kuruna (ara Della Prescrizione, paragrafi 287 u 288);

Illi jekk sal-protest tad-9 ta' Frar 1948 l-attur ittollera dak l-istat ta' fatt, li skond il-liġi, kif intqal fuq, qatt ma seta' assuma l-karattru ta' pussess ta' dritt, huwa jista' "ad libitum" iġib terminu għalih;

Illi l-ebda prova ma saret mill-konvenut u kjamati in kawża li wara dak il-protest kien hemm xi akkonsentiment mill-parti ta' l-Awtorità amministranti d-demanju publiku, fissens li dik it-tolleranza baqgħet isseħħ; b'mod li anki dina l-oppożizzjoni hija bla bażi;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li l-konvenut u kjamati in kawża ma għandhomx id-dritt iżommu l-imsemmi sprall jew "catch-pit" kontra l-volontà ta' l-atturi nomine fuq Misrah San Ġużepp, Hal Safi, u in konsegwenza tikkundanna lill-istess konvenut u kjamati in kawża fi żmien għoxrin ġurnata jgħalqu skond l-arti, taħt id-direzzjoni tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li għal bżonn jista' jiddelega lill-perit tad-distrett, il-"catch-pit" in kwistjoni; u fin-nuqqas li huma jagħmlu dak ix-xogħol fit-terminu lilhom impost, tawtorizza lill-atturi jagħmluh skond l-arti għas-spejjeż tal-konvenut u kjamati in kawża, taħt id-direzzjoni tal-periti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi;

L-ispejjeż, minħabba l-meritu, jibqgħu bla taxxa; dawk ta' l-aċċess u x-xhieda mismugħa u tar-Reġistru, esklużi dawk li ġew ġa deċiżi, jibqgħu però għall-konvenut u msejħa fil-kawża;

U b'hekk tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.